MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 171/2008

**A B C**
**vs**
**Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja**
**nominati kuraturi deputati biex jrrapprezentaw lill-assenti D C,**
**u b' digriet tad-29 ta' Mejju 2008 gew estromessi, stante li E C assumi l-atti ghan-nom ta' ibnu D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi fit-3 ta' Gunju 2000 il-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok TB;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel bl-isem ta' Liam li twieled fit-23 ta' Dicembru 2001;

3. Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi l-imsemmi zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kien ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

6. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null;

7. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-3 ta' Gunju 2000, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara li huwa jaqbel li z-zwieg huwa null, izda jsostni li huwa m' ghandux responsabbilita' taht il-paragrafi [c] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, izda jqabel li l-kunsens « tal-partijiet » kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-istess artikolu ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta’ Gunju 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-konvenut, fit-termini tal-paragrafu [f], u dak tal-partijiet, fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel mal-premess limitatament ghall-ezistenza tal-caput nullitatis da parti taz-zewg partijiet fit-termini tal-paragrafu [d] ;

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiiet izzewgu fit-3 ta’ Gunju 2000 meta allura l-attrici kellha 27 sena u l-konvenut kellu 24 sena u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin, u anke jikkoabitaw, ghal circa sentejn u nofs. Fit-23 ta’ Dicembru 2001 twieled it-tifel komuni tal-partijiet. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa sitt [6] snin li minnhom il-konvenut ghamel zmien relevanti fi programmi ta’ rijabilitazzjoni mid-droga, huma sseparaw f’ Marzu 2006.

*Verzjoni Attrici*
Illi in sostanzi l-attrici tghid li sitt xhur wara t-twelid tat-tifel hija skopriet li l-konvenut kien jiehu d-droga, u li f’ dak iz-zmien beda jiehu l-erojina. Dan halla effett dizastruz fuq iz-zwieg, inkluz fuq it-tifel taghhom, b’ mod li l-konvenut irrenda ruhhu fi stat li ma kienx kapaci jassumi u jezegwixxi l-obbligi matrimonjali tieghu. Tghid li, aktar ma beda jghaddi z-zmien, aktar beda jabbuza mid-droga, u, ghalkemm saru diversi tentattivi sabiex il-konvenut johrog minn dan il-vizzju, izda bla success.

Fix-xhieda[1] taghha tghid li, qabel iz-zwieg, hija ma kellhiex idea li l-konvenut kien jabbuza mid-droga; u tispjega, li meta kienet saret taf b' dan wara z-zwieg, kemm il-genituri tieghu kif ukoll hija, pprovaw jghinuh. Tispjega li minhabba dan il-vizzju, li zdied fiz-zwieg, il-konvenut kien sar aggressiv, nervuz u kien jisfoga vjolentement fuq l-ghamara ; kien ukoll abbanduna r-responsabbilitajiet tieghu lejn il-familja tieghu.

L-attrici tikkonferma li huma kienu zzewgu bic-civil biss, ghax il-konvenut ma riedx jizzewweg bil-knisja.

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jammetti li qabel iz-zwieg huwa kien jabbuza mid-droga cannabis u kokajina, u anke mill-alkohol. Jghid li f' sitwazzjonijiet fejn jhoss il-pressure, huwa kien jisfoga f' dawn il-vizzji. Fix-xhieda tieghu jghid : "jien dak it-tip ta' bniedem li jkolli hafna pressure, hemm ir-release tieghi."[2]

Jghid li, meta huwa beda jikkoabita ma' l-attrici qabel iz-zwieg, ommha kienet tissikkah biex jizzewweg lil bintha, u kienet taghmel pressjoni kbira fuqu : kienet tissikkah u twedu affarijiet, bhal "sahansitra qaltli li tridni nsir kavalier. Ghalija dan kien hafna pressure, u ma kontx kuntent."[3] Jghid li wara ftit li kienu bdew johorgu flimkien "ommha bdiet iddejjaqni ghax kull meta kienet tarani kienet teqridli biex nizzewweg lil bintha ... kienet tipprova thajjarni billi tghidli li jekk nizzewgu, hi taghtina flat gewwa Madliena Village bhala rigal tat-tieg."[4] Eventwalment huwa ceda ghal din il-pressjoni, u accetta li jizzewweg lill-attrici, bil-kundizzjoni li z-zwieg ma jsirx bil-knisja, izda bic-civil biss.

Il-konvenut jispjega li hu ghandu tifla minn mara ohra li maghha kellu relazzjoni qabel ma' kien beda r-relazzjoni ma' l-attrici ; u jghid li din il-mara kienet baqghet tippersegwitah, kemm qabel iz-zwieg ma' l-attrici kif ukoll wara. Kienet issegwih "il-hin kollu" Dan kien fonti ta' stess

[1] Dep. fol.64
[2] Dep. fol.72
[3] Aff. fol.44
[4] Aff. fol.42

iehor fuq il-konvenut. Jghid li qabel iz-zwieg “Kelli hafna issues ghaddejjin, kelli wisq issues, l-ex, ix-xorb.”[5]

Jghid, li wara z-zwieg il-pressure zdied, u beda jabbuza minn hard drugs u mix-xorb, bir-rizultat li l-hajja konjugali ghalih kienet spiccat ghal kollox, u kien abbanduna kollox.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car ghal din il-Qorti li dan kien zwieg li qatt ma messu sar ; u dan, tenut kont tal-fatt li l-konvenut, sfortunatament minhabba l-vizzji li kien qabad sa minn qabel iz-zwieg, kien manifestament inkapaci jassumi l-obbligi matrimonjali essenzjali ghall-hajja konjugali, naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.  Dan in-nuqqas da parti tal-konvenut kien jezisti qabel iz-zwieg, baqa’ jezisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, u kompla jaggrava meta l-konvenut hass il-piz tal-hajja mizzewga ; *multo magis* kunsidrat il-fatt li jidher li d-decizjoni li jizzewweg ma kinitx ghazla libera tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, liema caput nullitatis jikkonfigura biss fil-konfront tal-konvenut. Mill-banda l-ohra, fil-konfront ta’ l-attrici, il-Qorti ma tirraviza ebda wiehed mill-*caput nullitatis* indikat fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta’ Gunju 2000.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---

[5] Dep. fol.75

---------------------------------TMIEM---------------------------------